MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. NEVILLE CAMILLERI

Seduta tat-18 ta' Marzu, 2014

Numru. 65/2013

Il-**Pulizija**

**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs.**

**George Attard**
**Carmela Attard**

Numru: 65/2013

Illum 18 ta' Marzu 2014

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

**George Attard**, bin Francis u Rita neé Sultana, imwieled fl-14 ta' April, 1948 u residenti nru. 95, Merhba, Triq Frangisk Camilleri, Xaghra, Ghawdex u dententur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 31548(G)

u

**Carmela Attard,** bint Joseph u Evangelista neé Vella, imwielda fit-13 ta' Dicembru, 1961, residenti nru. 95, Merhba, Triq Frangisk Camilleri, Xaghra, Ghawdex u detentrici tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 56061(G),

akkuzati talli fix-Xaghra, Ghawdex u f'postijiet ohra gewwa Ghawdex nhar is-26 ta' Frar 2009 u fix-xhur ta' qabel b'diversi azzjonijiet maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda:

1. bhala sidien tal-fond nru. 95, Merhba, Triq Frangisk Camilleri, Xaghra, Ghawdex u bhala persuni li fuqhom huwa rregistrat il-*meter* tal-kurrent elettriku li hemm fl-imsemmi post, b'mezzi qarrieqa li bihom seta' kellhom l-uzu jew il-konsum illegittimu ta' dan il-kurrent elettriku jew li bihom setghu jwaqqfu jew ibiddlu l-kejl jew markar, ikkommettew serq ta' kurrent elettriku ghad-detriment tal-Korporazzjoni EneMalta liema serq hu kkwalifikat bil-mezz u jekk ikun il-kaz bil-valur;

2. fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi volontarjament ghamlu hsara fuq l-istess *meter* tad-dawl ghad-dannu tal-Korporazzjoni EneMalta.

F'kaz ta' htija, il-Qorti giet mitluba sabiex barra l-piena stabbilita tapplika l-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali (Kapitolu 9).

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat in-nota tal-Avukat Generali (*a fol.* 97) datata 5 ta' Marzu 2014 li permezz taghha baghat lill-imputati biex jigu ggudikati minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub taht:

(a) Artikolu 325(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(b) Artikoli 23, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi, waqt l-udjenza tallum, gew moqrija l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fil-5 ta' Marzu 2014, u f'liema seduta l-imputati ddikjaraw li ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bi procedura sommarja.

Semghet ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni, b'mod partikolari x-xiehda moghtija minn Alan Chetcuti (rapprezentant Enemalta), li xehed fis-seduta tal-5 ta' Frar 2014 (*a fol.* 94).

Rat li l-imputati ghazlu li ma jixhdux u anqas ressqu ebda provi.

**Ikkunsidrat**

Illi minn qari tal-Artikoli tal-Ligi mibghuta mill-Avukat Generali jirrizulta li l-Qorti hija mitluba titratta biss mat-tieni (2) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputati.

Illi, fir-rigward tat-tieni (2) imputazzjoni, din bl-ebda mod ma tirrizulta u ghaldaqstant l-imputati ser jigu liberati minnha.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, filwaqt li fir-rigward tal-ewwel (1) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputati, tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha, u dana *stante* li din ma gietx indikata fl-Artikoli tal-Ligi mibghuta mill-Avukat Generali, fir-rigward tat-tieni (2) imputazzjoni, fuq nuqqas ta' provi, ma ssibx lill-imputati hatja taghha u b'hekk tilliberahom minnha.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------